MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 785/2007

**Maltacom plc**
**(C 22334) u b'digriet ta` dan it-Tribunal datat 23 ta` Novembru, 2007, isem is-socjeta` attrici gie korrett ghal Go plc**

**vs**

**Polidano Brothers Limited (C 5884)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-23 ta` Ottubru, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija, wiehed u sittin lira, sebgha u hamsin centezmu (Lm 161.57), rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati fi Triq il-Palazz tal-Haddedin limiti ta` l-Mgarr, Malta, kif jirrizulta minn fattura datata 3 ta` Jannar, 2006, annessa u mmarkata Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 12 ta` April, 2007 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-3 ta` Jannar, 2006, kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tad-dirigenti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta` konvenuta ma deheritx la fis-seduta tat-23 ta` Novembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. A, B u C.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Lm 161.57, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta` April, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------